MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-5 ta' Awwissu, 2003

Appell Kriminali Numru. 55/2002/1

**Il-Pulizija**

**v.**

**Roger Degiorgio**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva fis-17 ta' Novembru, 1997 kontra Roger Degiorgio talli fil-Mosta fit-18 ta' Awissu 1997 u "matul dawn l-ahhar xhur":-

(1) f'hinijiet differenti bbalzma jew immonta xi ghasafar jew animali ohra jew ghamilha ta' blazmatur, kemm ghal skopijiet kummercjali kemm ghal skopijiet personali, jew kellu fil-pussess tieghu ghodda, kimika jew apparat iehor li jintuza jew li soltu jintuza ghall-ibbalzmar, minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, u dan bi ksur ta' l-Avviz Legali 23/97 (reg. 6);

(2) talli fl-istess data, lok u hin ibbalzma jew immonta ghasafar li m'humiex imsemmija fl-iskedi I, II, III li jinsabu fl-Avviz Legali 146/93 kif ukoll hekk kif emendati bl-Avviz Legali 45/1996 (para 5, 6);

(3) talli fl-istess data, hin, u lok ma zammx registru li fih ghandu jitnizzel car hdejn id-data tad-dhul sid kull gahsfur jew ghasafar, l-indirizz tieghu u n-numru tal-karta tal-identita` u t-tip ta' speci ta' ghasfur jew ghasafar li ghandu jibbalzma, liema dettalji ghandhom ikunu kontro-senjati mill-istess sid, u dan bi ksur tar-regolament 17(3)(4) tal-Avviz Legali 146/93;

(4) talli fl-imsemmija data, hin u lok kellu fil-pussess tieghu ghasfur, u cioe` Pygmy Cormorant (*Phalacrocorax pygmeus*) haj jew mejjet, jew parti minn xi ghasfur li mhux inkluz fl-iskeda I, II jew III u dan bi ksur tar-regolament 12 tal-Avviz Legali 146/93 hekk kif emendat bl-Avviz Legali 45/93, regolamenti 5 u 6;

(5) talli fl-imsemmija data, hin u lok zamm fil-pussess tieghu ghasafar ghal kull skop xjentifiku, veterinarju jew ghan iehor bhal dan jew ghar-ragunijiet ta' sahha pubblika jew sigurezza pubblika minghajr l-awtorizazzjoni tal-ministru responsabbli ghall-ambjent, u dan bi ksur tal-regolament 24(1) tal-A.L. 146/93;

(6) talli fl-imsemmija data, hin u lok kellu fil-pussess tieghu kwantita` ta' xi ezemplari inkluzi fit-tieni skeda tal-A.L. 19/92 kif ukoll kif ammendat bl-A.L. 22/95, u cioe` 'wolf' (*Canis lupus*) u 'bear' (*Ursidae species*) li l-importazzjoni taghhom taqa' taht dawn ir-regolamenti, minghajr ma kellu fil-pussess tieghu u ghaz-zmien kollu li dawn l-ezemplari kienu fil-pussess tieghu kull permess, certifikat jew licenzja li ghandhom x'jaqsmu ma dawn l-ezemplari;

(7) talli fl-istess data, lok, u hin kellu fil-pussess tieghu ezemplari ta' speci u cioe` 'Weasel' (*Mustela nivalis*) li jidhru fl-iskeda 2 tar-regolamenti 49/93 "bi ksur tal-artiklu 5(3)";

(8) talli fl-istess data, lok u hin kellu fil-pussess tieghu arma regolari u cioe` air rifle "tal-arma .22 tal-ghamla 'Remington' bla numru minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija"; u

(9) fl-ahharnett talli huwa recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Awla 8 moghtija fid-29 ta' April, 1994;

Rat is-senetnza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-26 ta' Frar, 2002 li permezz taghha dik il-qorti sabet lil imputat hati skond l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-hames, is-sitt, is-seba' u d-disa' imputazzjoni u kkundannatu multa ta' Lm500 u skwalifikatu milli "ikollu jew jikseb licenzja, permess jew awtorita` ghal zmien sena"; dik il-qorti, pero`, illiberatu mill-imputazzjoni numru 8; fl-ahharnett dik il-qorti ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ezemplari kollha elevati mill-fond tal-imputat;

Rat ir-rikors tal-appell ta' l-imsemmi Roger Degiorgio, minnu pprezentat fis-7 ta' Marzu, 2002, li permezz tieghu talab ir-riforma tal-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Din il-Qorti hadet ftit ta' zmien biex tippronunzja din is-sentenza ghas-semplici raguni li r-rikors ta' appell huwa redatt b'mod konfuz u ripetittiv, li jaghmilha ferm difficli li wiehed jifhem ezatt x'inhu l-aggravju jew x'inhuma l-aggravji riferibbilment ghal kull imputazzjoni. Minkejja dan, din il-Qorti ser tipprova tiehu l-imputazzjonijiet wahda wahda, u tezamina dak li tifhem li hu l-aggravju li qed jingieb fir-rigward ta' kull wahda minn dawn l-imputazzjonijiet.

Dwar l-ewwel imputazzjoni l-aggravji ta' l-appellant huma, bazikament, (**1**) li l-ewwel qorti ma kkunsidratx l-emendi li saru fir-rigward tar-regolament 17(1) tal-A.L. 146/93 (kif emendat bir-regolament 6 tal-A.L. 23/97) u lanqas ma kkunsidrat ir-regolament 3 tal-A.L. 107/2000, fejn ir-rekwizit tal-licenzja minghand il-Kummissarju tal-Pulizija sar japplika biss ghall-ibbalzmar ghal skopijiet

kummercjali, liema emendi, skond l-appellant, kellhom japplikaw a bazi tal-Artikolu 27 tal-Kap. 9; u (**2**) li l-prosekuzzjoni ma ppruvatx illi fl-1997 huwa kien, fil-fatt, ibbalzma xi ghasfur. Dwar l-ewwel minn dawn iz-zewg aggravji din il-Qorti tosserva li hu evidenti li l-appellant qed ihawwad l-implikazzjonijiet tal-Artikolu 27 tal-Kodici Kriminali ma' l-implikazzjonijiet tal-Artikolu 12(1)(b)(d) u (e) tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, Kap. 249. Fit-18 ta' Awissu, 1997 u fix-xhur ta' qabel id-disposizzjoni relattiva kienet tghid li

**Ebda persuna ma tista' tibbalzma jew timmonta xi ghasafar jew taghmilha ta' balzmatur, <u>kemm ghal skopijiet kummercjali u kemm ghal skopijiet personali</u>, jew ikollha fil-pusses taghha ghodda, kimika jew apparat iehor li jintuza jew li soltu jintuza ghall-ibbalzmar, minghajr il-licenzja tal-Kummissarju.** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Kien biss bl-emenda introdotta fit-13 ta' Gunju, 2000 (u ghalhekk fil-mori tal-kawza quddiem l-ewwel qorti) bl-A.L. 107/2000 li d-disposizzjoni giet taqra hekk:

**Ebda persuna ma tista' <u>ghal skopijiet kummercjali</u> tibbalzma jew timmonta xi ghasfur jew taghmilha ta' balzmatur, jew ikollha fil-pussess taghha ghodda, kimika, jew apparat iehor li jintuza jew li soltu jintuza ghall-ibbalzmar, minghajr il-licenzja tal-Kummissarju.** (sottolinear ukoll ta' din il-Qorti).

Fi kliem iehor, fid-data meta saret il-perkwizizzjoni u gie elevat dak kollu li gie elevat mill-Pulizija Ezekuttiva, il-ligi kienet tirrikjedi licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija anke jekk wiehed kien qed jibbalzma jew jimmonta ghal skopijiet purament personali. Issa f'dan il-kaz id-disposizzjoni applikabbli ma hix l-Artikolu 27 tal-Kodici Kriminali, kif qed jippretendi l-appellant, u dan ghas-semplici raguni li l-emenda ma biddlitx <u>il-piena</u> ghall-kommissjoni ta' xi reat, izda biss qalet li certi fatti li kienu reat fl-1997 ma baqghux reat mit-13 ta' Gunju, 2000 'l quddiem. F'sitwazzjoni simili japplika, ghalhekk, l-Artikolu 12 tal-Kap. 249 fis-sens li, sakemm l-"amending act" ma

jkunx juri hsieb kuntrarju, il-ligi posterjuri ma tolqotx “xi penali, konfiska jew piena li wiehed seta’ jehel dwar xi reat li jkun sar kontra xi ligi hekk imhassra, jew xi responsabbilta` ghal xi penali, konfiska jew piena bhal dawk”. Dana l-aggravju, ghalhekk, mibni kif inhu fuq presupposti legali totalment zbaljati, qed jigi respint.

Kwantu ghat-tieni aggravju, u cioe` li ma giex ippruvat li hu kien “ibbalzma”, din il-Qorti, wara li ezaminat id-deposizzjonijiet ta’ William Cassar Torregiani, tal-Ispettur David Saliba, tas-Surgent 743 Mario Buttigieg, ta’ Stanley Gatt, tal-Maggur Emmanuel Mallia, kif ukoll l-istqarrija maghmula lill-Pulizija mill-appellant u d-deposizzjoni tieghu quddiem l-ewwel qorti, ma tara ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-konkluzzjoni ta’ l-ewwel qorti f’dan ir-rigward, u cioe` li l-appellant, fiz-zmien inkriminat, kien qed jahdem ta’ “taxidermist” minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija. Jirrizulta, infatti, li l-appellant kellu biss permess ta’ l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar ghal “change of use of garage into taxidermist store”. Il-fatt li huwa kien applika ghal tali licenzja – ara d-deposizzjoni ta’ PC 443 Vince Mifsud – ma jfissirx li <u>kellu</u> tali licenzja. Ghalhekk is-sejbien ta’ htija dwar l-ewwel imputazzjoni da parti ta’ l-ewwel qorti kienet korretta.

Kwantu ghat-tieni imputazzjoni, l-appellant jilmenta li huwa pprova li l-ispeci kollha misjuba ghandu kienu impurtati legalment minnu, u li l-ligi tipprovdi li kull ghasfur li jinsab fil-pussess ta’ balzmatur huwa prezunt tieghu jekk ma jkunx imnizzel f’registru appozitu. Frankament dana l-aggravju, kif formulat, ma jaghmilx sens. L-imputazzjoni kjarament tipotizza r-reat kontemplat fil-paragrafu (2) tar-regolament 17 tal-A.L. 146 tal-1993 (kif dan il-paragrafu kien f’Awissu 1997 u fix-xhur ta’ qabel). Din id-disposizzjoni tghid li

**Ebda balzmatur ma jista’ jibbalzma jew jimmonta ghasafar li m’humiex fl-Iskedi I, II u III li jinsabu ma’ dawn ir-regolamenti, u dawk imsemmija fil-paragrafu (3) tar-regolament 12 ta’ dawn ir-regolamenti.** [1] **It-test Ingliz huwa aktar car: “No taxidermist shall mount or stuff any bird except those which are included in**

**Schedules I, II and III to these regulations and those referred to in paragraph (3) of regulation 12 of these regulations."**

Ir-regolament 12(3) jipprovdi li

**Jistghu jigu impurtati biss dawk l-ghasafar** [mhux inkluzi fl-iskedi msemmija]**, hajjin jew mejtin, jew partijiet minnhom, jekk jigi ppruvat li dawn gew imrobbija fil-maghluq fil-pajjiz minn fejn ikunu originaw, jew li ma humiex protetti fil-pajjiz ta' l-origini taghhom, jew li l-esportazzjoni taghhom mill-pajjiz minn fejn gew esportati kienet wahda awtorizzata.** [1]

Fi kliem iehor, il-prosekuzzjoni kellha tipprova, lil hin minn kull dubbju dettat mir-raguni, li l-appellant (allura imputat) ibbalzma jew immonta xi ghasfur li ma kienx fl-iskedi imsemmija, filwaqt li, biex jezimi ruhhu mir-responsabbilta` penali l-appellant kellu jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ghasfur kien gie impurtat konformement mal-paragrafu (3) tar-regolament 12. Issa, mir-relazzjoni u mid-deposizzjoni tal-Maggur Mallia jista' jinghad biss li l-appellant kellu ghandu (immuntati jew ibbalzmati) tletin ghafsur protett (li tlettax minnhom x'aktarx gew importati), izda ma jirrizultax li dawn it-tletin ghasfur kienu gew ibbalzmati mill-appellant. L-unici ghasafar li wiehed jista' jghid li bbalzma l-appellant huma dawk li kemm l-imsemmi Maggur Mallia kif ukoll ix-xhud Stanley Gatt jghidu li kienu gew ibbalzmati "friski" – li kienu tlett ghasafar b'kollox – pero` ma hemmx prova cara li dawn it-tlett ghasafar "ibbalzmati friski" kienu fil-fatt fost dawk protetti. Ghalhekk din il-Qorti ser tillibera lill-appellant minn din it-tieni imputazzjoni.

Kwantu ghat-tielet imputazzjoni, din il-Qorti difficilment tista' tifhem kif l-ewwel qorti setghet sabet lill-appellant hati taghha. Din l-imputazzjoni tipotizza r-reat kontemplat fil-paragrafu (3) tar-regolament 17 tal-A.L. 146/1993. Pero` il-paragrafu (3) irid jinqara flimkien mal-paragrafi l-

ohra tal-imsemmi regolament 17. Fil-fehma tal-Qorti, il-htiega taz-zamma tar-registru f'Awissu tal-1997 u fix-xhur ta' qabel (cioe` qabel l-emenda introdotta bl-A.L. 107/2000) kienet tapplika biss fil-kaz ta' balzmatur li jkun licenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija. L-appellant ma kienx hekk licenzjat, u ghalhekk il-paragrafu (3) tar-regolament 17 ma kienx japplika ghalih.

Fir-rigward tar-raba' imputazzjoni l-appellant jilmenta li l-ewwel qorti naqset milli tapprezza li ghalkemm speci hi protetta, ma jfissirx li l-pusses taghha huwa illegali. Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi bir-reqqa kollha hi tal-fehma li dwar il-Pygmy Cormorant – li certament hu ghasfur protett – l-appellant ma ppruvax, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dan l-ghasfur kien gie impurtat b'mod legittimu skond il-paragrafu (3) tar-regolament 12 ga msemmi. Ghalhekk il-konkluzzjoni ta' l-ewwel qorti fir-rigward ta' din l-imputazzjoni hija sostanzjalment korretta.

Kwantu ghall-hames imputazzjoni l-appellant jikkontendi bazikament li l-ghasafar ibbalzmati li kellu fil-pussess tieghu u li sabulu l-pulizija kien ghad jista' jirregistrahom skond id-disposizzjoni tal-paragrafu (5) tar-regolament 17 tal-A.L. 146/1993, paragrafu li gie fis-sehh b'effett mill-14 ta' Frar, 1997 (A.L. 23/1997) u li jipprovdi testwalment:

**Kull min ghandu xi ghasfur jew ghasafar ibbalzmati li l-ispeci taghhom ma tidhirx fl-iskedi I, II jew III li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti ghandu fi zmien sena mill-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti jiddikjarahom lid-Dipartiment u jinghata permess mill-istess Dipartiment biex izommhom.**

L-appellant ghandu in parti biss ragun. Galadarba huwa kien ghadu, fil-mument li gew elevati minghandu l-oggetti, fit-terminu ta' sena msemmi f'din is-disposizzjoni, huwa ma setax jinstab hati skond l-Artikolu 24(1) tal-A.L. 146/93 ghal dak li jirrigwarda l-ghasafar ibbalzmati. Pero` il-Pygmy Cormorant ma instabx fi stat ibbalzmat, u ghalhekk fir-rigward ta' dan l-ghasfur ma kienitx tapplika l-"amnistija" tal-paragrafu (5) tar-regolament 17. Ghalhekk

is-sejbien ta’ htija fir-rigward ta’ din il-hames imputazzjoni ser tigi konfermata.

Anke fir-rigward tas-sitt imputazzjoni l-appellant ghandu ragun in parti biss. Skond ir-relazzjoni tal-Professur Patrick J. Schembri, il-hames glud misjuba ghand l-appellant ma kienux tal-“wolf” (*Canis lupus*) izda tal-“cyote” (*Canis latrans*) u ghalhekk ma jistax jinghad li din is-sitt imputazzjoni, in kwantu tirreferi ghall-*Canis lupus*, giet pruvata. Mhux l-istess, pero`, jista’ jinghad fir-rigward tal-glud tal-orsijiet. Kif fisser l-istess Professur Schembri, is-sitt glud ta’ *Ursus americanus* jaqghu taht l-ispecie *Ursidae* – ara t-tieni skeda tal-A.L. 19/1992. Wara li din il-Qorti ezaminat il-provi, inkluza d-deposizzjoni xejn konsistenti ta’ Carmen Attard, hi tal-fehma li l-ewwel qorti korrettement sabet lill-appellant hati skond id-disposizzjoni tar-regolament 8 tal-A.L. 19/1992.

Kwantu ghas-seba’ imputazzjoni, din il-Qorti ser tillibera lill-appellant minn din l-imputazzjoni, u cioe` mill-akkuza li kellu ezemplari ta’ ballotra bi ksur tar-regolament 5(3) tal-A.L. 49/1993. Ghalkemm ix-xhud Stanley Gatt isemmi li kien hemm din il-ballotra bhala “mounted specimen”, l-espert nominat mill-ewwel qorti, u cioe` l-Professur Patrick Schembri, imkien ma jsemmi xi ezemplari ta’ *Mustela nivalis* fir-relazzjoni tieghu a fol. 159. Ghalhekk din il-Qorti ser tillibera lill-appellant mis-seba’ imputazzjoni.

L-appellant jilment wkoll mis-sejbien ta’ htija fir-rigward tad-disa’ imputazzjoni. Dan l-ilment, pero`, huwa wiehed fieragh. Din l-imputazzjoni tirrizulta abbundantement pruvata – ara l-kopja tas-sentenza a fol. 100 u l-prova ta’ l-identita` a fol. 186.

Ghall-motivi premessi tirriforma s-sentenza appellata billi: (**a**) thassarha u tirrevokaha f’dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati skond it-tieni, it-tielet u s-seba’ imputazzjoni, u minflok tilliberah minn dawn l-imputazzjonijiet; (**b**) thassarha u tirrevokha f’dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant multa ta’ hames mitt lira u minflok tikkundannah multa erba’ mitt lira (Lm400), konvertibbli fi tmenin (80) gurnata prigunerija f’kaz ta’ nuqqas ta’ pagament skond il-

ligi; (**c**) thassarha u tirrevokaha wkoll f'dik il-parti fejn giet ordnata "il-konfiska tal-ezemplari kollha illi gew elevati mill-fond tal-imputat favur il-Gvern ta' Malta", u minflok tordna biss il-konfiska tal-ezemplari li huma milquta bis-sejbien ta' htija kif qed jigi dikjarat jew konfermat b'din is-sentenza; u (**d**) tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Il-periodu ta' sena ta' l-iskwalifika jibda jiddekorri mill-lum u dan in vista tat-talba ghas-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza ta' l-ewwel qorti u l-akkoljiment ta' l-istess talba (ara fol. 378 tal-atti).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------